MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 371/2013

Joseph **VELLA**

vs

**GREEN MT Limited** ( C42136)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-18 ta' April 2013, li bih ir-rikorrent, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka biex tħallsu s-somma ta' tmenin elf,

tmien mija u tliet euro (€80,803) li tirrappreżenta l-bilanċ minn somma akbar dovuta bħala servizzi ta’ ġbir ta’ skart mogħtijin minnu lill-kumpannija mħarrka, fuq talba tagħha, fil-lokalitajiet ta’ San Pawl il-Baħar u San Ġiljan bejn Novembru tal-2011 u Marzu tal-2013;

Talab ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat ta’ l-attur;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) Tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attur u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka tħallas lill-attur is-somma ta’ tmenin elf, tmien mija u tliet euro (€80,803) rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ servizzi ta’ ġbir ta’ skart fuq imsemmija, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-14 ta’ Marzu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) Tikkundanna lis-soċjeta’ imħarrka tħallas l-ispejjez tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------